# Il-Gran Mastru De Rohan milqugħ fiż-Żejtun bl-isparar tal-Murtali

Kitba ta' Dun Joe Abela B.A. (Hons); Lic.D., H.E.L.



- *L-imħabba kbira taż-Żwieten għal De Rohan*
- *L-ewwel ħarġa pubblika fil-kampanja De Rohan għamilha fiż-Żejtun*
- *Deskrizzjoni tal-festa li saritlu nhar San Girgor*
- *Il-logħob tan-nar fil-festi Maltin ta' l-imgħoddi*

## Preparamenti għall-Festa ta' Sta. Katarina

Nhar id-9 ta' Novembru 1775 xterdet malajr ma' Malta kollha l-aħbar li l-Gran Mastru Francesco Ximenes kien miet. Il-Maltin, u magħhom ukoll xi kavallieri, ħadu r-ruħ. Ma kenitx ħaġa tas-soltu li l-poplu Malti jifraħ bil-mewt ta' xi ħadd, aktar u aktar meta dak li jmut ikun is-sultan tal-gżira. Iżda Ximenes xejn ma kien maħbub mill-Maltin. Biss tlett ijiem wara, jiġifieri nhar it-12 ta' Novembru, waqt li ż-Żwieten kienu qegħdin jagħmlu l-aħħar preparamenti għall-Festa annwali ta' Santa Katarina, li dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata nhar il-25 ta' Novembru, ġie magħruf li bħala l-Gran Mastru l-ġdid il-Kavallieri ta' San Ġwann għażlu lil Francois Marie de Nieges Emanuel de Rohan Polduc. De Rohan, kif fil-qosor dejjem jissejjaħ, kellu jkun Gran Mastru assolutament differenti minn ta' qablu, speċjalment fil-mod li bih mexa mal-Maltin. Iż-Żwieten kellhom għal x'hiex jifirħu doppjament dik is-sena: ferħu bil-Festa tal-Patruna tagħhom u ferħu bil-għażla ta' sultan ta' qalb tajba!

## Ximenes u l-Maltin

Mhux għaliex Ximenes, min-natura tiegħu, kien xi raġel krudil. Aktar ngħidu li kien nieqes mit-tattika. Dam isaltan biss sentejn (1773 – 75), u fi żmien hekk qasir ipprova jaqta' l-ħela u l-abbużi, speċjalment wara r-renju twil u mimli fanfarunati ta' Manuel Pinto (1741 – 73), il-Gran Mastru ta' qablu, li berbaq flejjes kbar mill-Kaxxa ta' l-Ordni. L-iskop ta' Ximenes kien tajjeb: ried itejjeb l-ekonomija ta' Malta. Anzi beda biex hu stess ta eżempju lil ħaddieħor billi naqqas l-infiq ukoll fl-ilbies u flus li qabel kienu jintefqu fiċ-ċerimonji, u taħom lill-Komun ta' Malta biex hekk inaqqas id-dejn. Iżda mbagħad hu ħa miżuri drastiċi li bihom qarras ħafna nies: naqqas is-salarji, ċekken il-milizja, impona b'rigoriżitaċ il-ħlas tat-taxxi u waqqaf il-kaċċa tal-fniek tal-liebru u tal-ħamiem, meta l-kaċċa għall-poplu ż-żgħir ma kenitx passatemp, imma għixien, fi żmien meta kien hawn ħafna faqar. Il-bdiewa bdew jibżgħu li l-għadd kbir ta' fniek selvaġġi kien ifisser theddida għall-uċuħ tar-raba' tagħhom. Meta xi qassisin m'obdewx billi ħarġu għall-kaċċa, huma tressqu quddiem il-qorti

ta' l-Istat u tal-Knisja. Dan ikkawża tilwim bejn il-Gran Mastru u l-Isqof ta' Malta, tilwim li ħareġ aktar fil-beraħ fl-hekk imsejjaħ Irvell tal-Qassisin tad-9 ta' Settembru, 1775. L-irvell ma rnexxiex, iżda nissel f'Ximenes biża' kbir li l-Maltin kienu waslu biex joqtluh. Fil-fatt f'temp ta' tliet xhur dan il-biża' tiegħu tefgħu fil-qabar.

**Riformi minn De Rohan**

Il-Kavallieri rrealizzaw li l-poplu Malti ried sultan ta' qalb tajba u kapaċi jġib il-paċi mill-ġdid. Għalhekk għażlu lil De Rohan, li kien magħruf għall-ħniena u t-tjubija tiegħu. Mal-Maltin ferħu wkoll il-Kavallieri Franċiżi, għaliex l-Ordni kien ilha ma jkollha Gran Mastru Franċiż għal numru sewwa ta' snin. De Rohan kien twieled fl-10 t'April, 1721, u għalhekk meta ntagħżel Gran Mastru, hu kellu 54 sena, u kien jokkupa l-kariga mportanti ta' Kaptan Generali tal-Flotta ta' l-Ordni. Malajr ikkmanda li l-irjus tat-tliet vittmi Maltin mill-Irvell tal-Qassisin jitneħħew minn fuq is-swar, fejn kienu tpoġġew bl-ordni ta' Ximenes, u jingħataw difna xierqa. Kontra l-pariri ta' kummissjoni mwaqqfa apposta, De Rohan raħħas il-prezz tal-qamħ li minnu l-Maltin kienu jaħmu l-ħobż, u saħansitra ddikjara li hu stess kien lest li jagħmel tajjeb minn butu għal xi telf tal-Massa Frumentaria, li kienu responsabbli mill-bejgħ tal-qamħ. Illum kieku ngħidu li l-Gran Mastru ssussidja minn butu il-prezz tal-qamħ, biex il-Maltin ma jbatux. Peress li l-qligħ mis-sibi (piraterija) kien naqas ħafna - ħafna rġiel Żwieten kienu jaqilgħu x'jieklu mis-sibi - biex ikompli jisfrutta s-sengħa tal-Maltin bħala baħħara, De Rohan inkoraġġihom biex isiru kummerċjanti, billi ħareġ liċenzji għal kull parti tad-dinja.

**Iż-Żejtun fl-1776**

Kellhomx għal x'hiex jifirħu ż-Żwieten f'Novembru tas-sena 1775? Altru li kellhom. Fiż-Żejtun kienu jgħixu madwar 4,000 persuna, il-parti l-kbira minnhom foqra sewwa. Servizzi soċjali ftit li xejn kienu jeżistu. Skejjel ma kienx hawn, u l-uniċi nies li kienu jafu ftit skola kienu l-qassisin, li minnhom kien hawn madwar 20 wieħed. Kien hawn xi tabib jew tnejn u nutara li kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' idek il-waħda. Każini tal-banda ma kellhomx u l-uniċi għaqdiet li kienu jeżistu kienu l-fratellanzi. Numerużi ħafna kienu l-membri tal-Fratellanzi tas-SS.mu Sagrament u tal-Madonna tar-Rużarju, li kienu jimpikaw bejniethom min se jkun l-aktar ġeneruż biex jgħolli l-ġieħ tal-fratellanza tiegħu. Dan għamilhom ħafna ġelużi għad-drittijiet tal-fratellanza - u rabbew, speċjalment il-fratelli tas-Sagrament, ħafna arja!

Fil-fatt diversi membri ta' din il-fratellanza kellhom xi jgħidu ħafna mal-kappillan taż-Żejtun Dun Franġisk Marija Xuereb fis-snin 1774 – 75, u minħabba f'hekk f'Marzu tas-sena 1776 il-parroċċa taż-Żejtun kienet taħt it-tmexxija tal-Vigarju Dun Salv Bonnici. Minkejja dan kollu, iż-Żwieten qasmu l-ferħ tal-Maltin l-oħra bil-għażla ta' De Rohan bħala Gran Mastru.

**De Rohan fiż-Żejtun nhar San Girgor**

Biex ikompli jikber dan il-ferħ taż-

Żwieten, erba' xhur biss wara l-għażla tiegħu bħala Gran Mastru, De Rohan iddeċieda li jiġi fiż-Żejtun biex igawdi l-Purċissjoni ta' San Girgor, li dak iż-żmien kienet għadha ssir fit-12 ta' Marzu, u mhux l-Erbgħa ta' wara l-Għid kif issir fi żmienna. Kienet is-sena 1776 u din il-miġja ta' De Rohan fiż-Żejtun kellha tkun l-ewwel ħarġa pubblika fil-kampanja ta' De Rohan bħala Sultan tal-Gżejjer Maltin. Deskrizzjoni ta' kulma sar dak in-nhar ġiet stampata fl-istamperija ta' l-Ordni taħt it-titlu *"Relazzjoni ta' Ark Trijunfali mwaqqaf fiż-Żejtun għal jum ta' San Girgor lill-A.S.S.F. EMMANUELE DE ROHAN mill-Ven. Sinjur Bali Fra D. Nicolas Abri Descallar e Damato tal-Ven. Lingwa D'Aragona u Priorat ta' Catalogna, Luogutenent tal-Gran Conservatore"* (1).

**Merħba kbira miż-Żwieten**

Iż-Żwieten taw lis-Sultan tagħhom merħba kbira. Descallar kesa bid-damask aħmar il-villa tiegħu li kienet inti u dieħel fiż-Żejtun. Il-gallarija li minnha De Rohan kellu jara l-purċissjoni kienet imżejna bħal tron, filwaqt li fit-triq għal tul mhux ħażin tqegħdu fjuri artifiċjali u trofej. It-tiżjin kien jinkludi Ark Trijunfali ta' kobor u ġmiel kbir, li l-lejl ta' qabel kien ukoll imżejjen bid-dwal. F'nofsu kien hemm l-arma ta' De Rohan u f'ħafna naħiet tiegħu poeżiji bil-Latin u tiżjin simboliku li jfisser il-virtujiet li bihom il-Gran Mastru kien imżejjen. Għall-kumditaċ tan-nies saret pjazza madwar dan l-ark fejn qabel kien hemm triq dejqa. Il-folla ġiet fiż-Żejtun dak in-nhar, mhux biss biex tgawdi l-purċissjoni tradizzjonali ta' San Girgor, li fiha kienu jieħdu sehem il-mijiet kbar ta' qassisin, patrijiet u fratelli ta' Malta kollha mmexxija mill-Isqof, iżda wkoll biex tara lil De Rohan. Kulħadd jiffolla biex isib l-aħjar post! De Rohan wasal fiż-Żejtun madwar it-tmienja ta' filgħodu, u kellu miegħu numru kbir ta' paġġi, kavallieri u segwaċi oħra, kollha lebsin l-isbaħ uniformijiet li komplew iżidu s-solennitaċ ta' l-okkażjoni. *"Il-ferħ u l-evviva tan-nies imlew bil-ħlewwa l-arja u għamlu eku ta' imħabba f'dik il-kampanja sabiħa"* (2).

De Rohan għadda minn taħt l-Ark Trijunfali u mar dritt fil-villa, fejn ġie milqugħ minn Descallar li offrielu bukkett ta' xogħol li jsaħħrek u sunett imkebbeb f'biċċa satin kollha rrakkmata. Akkumpanjat mir-reġiment tal-Gwardja u l-ekwipaġġ kollu, wara l-Gran Mastru żar il-knisja parrokkjali taż-Żejtun fejn ġie milqugħ mill-kleru. Wara li talab fil-knisja hu mar mill-ġdid fil-villa fejn mill-gallarija seta' jara l-purċissjoni twila u grandjuża ta' San Girgor għaddejja. Bħala sinjal ta' rispett lejh, il-fratellanza kollha baxxew l-istandardi tagħhom, li allura kienu ħafna numerużi, huma u għaddejjin minn quddiemu. *De Rohan kien imqanqal minn imħabba bħal dik li kulħadd urieh u kuntent b'kulma ra* (3).

**Il-Logħob tan-Nar fil-Festi**

Iżda għaż-Żwieten, bħall-biċċa l-kbira tal-Maltin, festa bla logħob tan-nar, ma kenitx tkun sħiħa! Fi studji oħra li jiena ktibt fil-Programmi tal-Festa ta' Sta. Katarina ppubblikati mill-Għaqda tan-Nar taż-Żejtun dawn l-aħħar ftit snin, jien tkellimt dwar il-ħafna festi, mhux biss tal-Patruna tagħna, iżda wkoll f'diversi oħrajn li llum insejħulhom sekondarji, jekk mhux

ukoll kważi spiċċaw fix-xejn. Rajna kif f'kull festa l-prokuraturi kienu jonfqu xi flus għal-logħob tan-nar. Ma kienx ikun xi logħob tan-nar kbir kif isir illum fil-festi prinċipali tal-parroċċi tagħna, iżda xi ħaġa dejjem kienu jagħmlu. U dan ippruvajnieh minn manuskritti fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun. Ma setax jonqos allura, li wkoll iż-żjara tal-Gran Mastru De Rohan fiż-Żejtun tkun iċċelebrata bil-logħob tan-nar. Illum ma noħolmux li nżidu s-solennitaċ tal-okkażjoni meta l-President tar-Repubblika jżur xi belt jew raħal f'Malta, billi nagħmlu l-logħob tan-nar, iżda aktar minn mitejn sena ilu din il-ħaġa kienet issir . Fil-festa li kienet saret fiż-Żejtun meta r-raħal tagħna kien ingħata t-titlu ta' "Belt Bylandt" kien sar il-logħob tan-nar.

## L-Isparar tal-Murtali

Ir-rakkont li għedna jiddeskrivi l-miġja ta' De Rohan fiż-Żejtun u jagħmel riferenza ċara għall-isparar tal-murtali. Jgħidilna illi kif il-Gran Mastru deher mill-bogħod riesaq lejn iż-Żejtun, in-nies bdew ikantaw melodiji u sinfoniji (sic) li ħarġu minn qalbhom, u l-isparar tal-murtali ma kienx jaqta', (***lo sparo continuo dei mortaletti***) (4). Jista' jkun li l-kittieb ta' dan ir-rakkont, mimli kif kien b'entużjażmu u rispett kbir lejn il-Gran Mastru, esaġera xi ftit meta ddeskriva l-isparar tal-murtali bħala ma jaqtax. Hu x'inhu il-każ, iż-Żwieten riedu juru l-imħabba tagħhom lejn De Rohan ukoll b'dan il-mezz: l-isparar tal-murtali. Żgur li kieku Ximenes fettillu jersaq lejn iż-Żejtun, kienu jilqgħuh mod ieħor!

## Sunett f'ġieħ De Rohan

Ħafna kienu l-poeżiji sbieħ li nkitbu, kollha jfaħħru lill-Gran Mastru. Baqagħlna xi wħud minnhom. Waħda kienet tikkonsisti f'sunett, s'intendi bit-Taljan, il-lingwa tal-kultura dak iż-żmien. Kopja ta' dan is-sunett tinsab imdendla fil-Mużew Parrokkjali. Nikkwotawh kelma b'kelma:

*Fra non piuċ visti applausi asceso vede*
*Sul trono appena il suo ROHAN la Gloria*
*Il tempio apri immortal dove risiede*
*De' Melitensi fasti aurea memoria.*

*Come a Malta recoċ Paolo la Fede*
*Espressa v'eċ la memoranda Istoria*
*E qual di nobil stuol divenne Sede*
*E del Valletta poi la gran vittoria.*

*Or qui ROHAN e sue virtuċ diss' ella*
*Il voto universal, la Gloria, e quanto*
*Rende MALTA felice eterno sia.*

*A tal cenno, Signor, con gara bella*
*Di piuċ esaltarsi ognun aspira al vanto;*
*Deh grato ancor l'ossequio mio ti sia.*

## Riferenzi


1. Biblijoteka Nazzjonali, Ms 137, p.163 – 166
E.B. Vella, "Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk", p.84

2. Ibidem

3. Ibidem

4. Ibidem